StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 3

**IR-RABA' SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

Isem: ______________________ Klassi: _____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 23 | 8 | 4 | 6 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek:

**IL-ĦAXIXA LI ĦAFNA JĦOBBU – IL-PATATA**

Il-kelma "patata" ġejja mill-kelma "batata" kif isejħulha n-nies ta' Haiti. Kienu l-Ispanjoli li bidlu l-kelma għal "patata" eżatt kif insejħulha aħna. *(par. 1)*

Il-patata waslet fl-Ewropa fis-seklu sittax, iżda ma tantx intgħoġbot għall-ewwel għax kellha togħma morra. Il-Protestanti ma ridux ikabbruha għax ma kenitx tissemma fil-Bibbja, imma l-Kattoliċi Irlandiżi ma kellhomx problema għax bdew ibixxuha bl-ilma mbierek!!! *(par. 2)*

Ta' min jgħid li kemm l-għeruq kif ukoll il-weraq, il-fjuri u z-zokk tal-pjanta fihom il-velenu, iżda l-patata nnifisha le. (*par. 3)*

Il-patata faċli biex tkabbarha u ma tantx trid xogħol. Tista' titkabbar bil-biċċa billi tqatta' l-patata f'biċċiet li kull waħda minnhom ikun fiha għajn mnejn jista' jikber għerq. Dawn il-biċċiet jinżergħu u jikbru fi pjanta sabiħa li tagħmel ħafna frott. *(par. 4)*

Żgur li mat-tfal u ż-żgħażagħ il-patata moqlija dejjem tinżel għasel. Insibuha bħala *french fries*, u fl-1864 kok Ingliż beda jservihom mal-ħut moqli u hekk il-famużi *fish & chips* Ingliżi saru inseparabbli!! *(par. 5)*

Il-patata hija nutrittiva ħafna. Fiha l-karboidrati li jagħtu ħafna enerġija. Fiha l-vitamini Ċ u B6, ħadid u potassju. Ma tantx fiha melħ, u xaħam ftit li xejn. Il-qoxra hija sors tajjeb ta' fibra. L-aħjar għas-saħħa hu meta tissajjar fil-forn jew mgħollija u maxx. Bħala proteini fiha l-istess daqs il-ħalib. *(par. 6)*

(addattament liberu minn artiklu li deher fil-ħarġa ta' *Sagħtar* ta' Mejju 2003, kitba ta' Maria Pace)

## A. FEHIM IT-TEST (9 marki)

1. Għaliex il-patata hija faċli ħafna biex tkabbarha?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Għaliex ma' kulħadd, imma l-aktar mat-tfal u ż-żgħażagħ, hija daqstant popolar l-patata?

_______________________________________________ (2 marki)

3. Għaliex il-patata hija tajba ħafna għas-saħħa tal-bniedem?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

4. Kif l-aħjar nikluha l-patata biex aktar tagħmlilna ġid?

_______________________________________________ (2 marki)

5. Liema hija n-nota umoristika li nsibu fis-silta?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (23 marka)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Għid x'inhu dan il-kliem. Immarka b'sing taħtu. (4 marki)

| | |
|---|---|
| a. *togħma* (par. 2) | avverbju - nom - konġunzjoni |
| b. *tqatta'* (par. 4) | verb sħiħ trux - verb dgħajjef nieqes - verb fit-tieni forma |
| ċ. *moqli* (par.5) | nom mimmat - parteċipju passiv - verb fil-perfett |
| d. *jagħtu* (par. 6) | verb irregolari - verb ta' nisel rumanz - verb kwadrilitteru |

2. *Il-patata tinqela minn kulħadd.* Il-verb *tinqela* x'tifsira għandu?

(a) riflessiva ______, (b) reċiproku ______, (ċ) passiva _____. (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Imla l-vojt skont kif mitlub fil-ġenb.

| | |
|---|---|
| a. Jekk ma jinqala' xejn _________ mmur nixtri *fish & chips.* | avverbju taż-żmien |
| b. _____________ hija tajba l-patata moqlija? | avverbju tal-mistoqsija |
| ċ. Aħna nieklu ċ-chips reg__________________. | avverbju tal-manjiera |
| d. Din li tiekol ħafna ikel bil-melħ u xaħam hija drawwa __________________. | kelma minn *inkwieta* |
| e. Il-kok kapaċi joħloq ______________ sabiħa. | kelma minn *krea* |

(5 marki)

4. Imla l-vojt skont kif mitlub fil-parentesi.

(a) Jekk beħsiebek ___________, mur kul barra! (a – k – l)

(b) Jiena _____________ ħafna l-patata maxx. (ħ – b – b + lilha)

(ċ) Bħal daż-żmenijiet aħna ____________ ħafna qali. (s – j – r)

(3 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

5. Mit-tieni paragrafu sib kelma li tfisser: jagħtuha l-ilma.

_______________________________________________________________ (marka)

6. Sib espressjoni idjomatika mill-aħħar żewġ paragrafi li tfisser "tajba ħafna u nieħu gost nikolha".

_______________________________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ANALIŻI TESTWALI**

7. Il-kelma *isejħulha* (par. 1) hija mibnija mill-verb imnissel ___________ + il-pronom mehmuż ______________ li juri t-_____________ persuna singular femminil. (3 marki)

8. Fil-kelma *biċċiet* (par. 4), *iet* hija s-suffiss tal-plural ____________________. (marka)

9. *jservihom* (par. 5). ***hom*** għal xiex qiegħda tirreferi? _____________________ (marka)

10. Il-vokali *i* fil-kelma ***i****nseparabbli* (par. 5) hija: vokali tal-leħen jew vokali morfoloġika (parti mill-kelma)? ________________________________ (marka)

**SINTASSI**

11. Agħmel il-punteġġjatura fejn meħtieġ:

“sieħbi agħtini ftit chicken and chips għajjat Pawlu.

_________________________________________________________________ (2 marki)

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Ikteb bejn 60 u 80 kelma fuq waħda minn dawn fuq karta separata.

a. Kont se tagħti s-sehem tiegħek f’lejla ddedikata għaż-żgħażagħ bl-isem *Iż-Żgħażagħ b’Qalb Kbira*. Imma tlett ijiem qabel ma kellha sseħħ il-lejla lwejt sieqek bl-ikrah, tant li ma stajtx timxi, u t-tabib qallek li għandek bilfors isserraħha għal ġimgħa sħiħa. Ikteb ittra lil (i) ħabib/a tiegħek biex jeħodlok/teħodlok postok **jew** (ii) lill-organizzatur innifsu biex tfissirlu x’ġaralek eżatt u għaliex ma tistax tagħti l-għajnuna tiegħek.

b. Għadu kemm sar kunċert fuq il-Fosos tal-Furjana minn kantant/kantanta famuż/a. Ikteb rapport fuq dak li seħħ.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

a. Kompli u fisser dan il-qawl: Toqtol żewġ għasafar b'_____________________.

_____________________________________________ (2 marki)

b. Daħħal dawn iż-żewġ idjomi f'sentenza separata biex toħroġ ċar it-tifsira tagħhom.

(i) twieled taħt stilla tajba: _____________________________________

_____________________________________________ (marka)

(ii) ġietu warda: _____________________________________

_____________________________________________ (marka)

**E. TIFTIX/TRAWWIM KULTURALI** (6 marki)

F'madwar 60 – 80 kelma, u fuq karta separata, agħti tagħrif fuq x'riċerka għamilt u fuq xiex b'rabta mal-proġett *L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija*.

**F. LETTERATURA** (30 marka)

(i) **ANESTESIJA/L-ISQAQ**

Ikteb madwar 80 - 100 kelma fuq karta separata. Agħżel waħda bejn a ***u*** b.

a. Fir-rumanz *L-Isqaq* naraw ir-realiżmu tal-ħajja. Ikkummenta b'eżempji.

jew

b. Il-ħajja hija mimlija problemi. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal dak li studjajt fid-dramm *Anestesija* ta' Oreste Calleja.

(8 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(ii) **QAWSALLA** - Referenza għall-Kuntest

Aqra sewwa din is-silta, meħuda minn *Ir-Ribelli*, u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Meta, ftit ilu, Jumi Harr reġa' lura f'San Rokku, in-nies tar-raħal laqgħuh bil-briju u tawh il-merħba t-tajba bid-daqq tal-banda. Min jaf kif pinġewh? Xi stennew minn għandu? Il-ħajja ta' ħaddieħor, kif narawha mill-bogħod u bil-lenti tagħna, hi eċċitanti u interessanti. Aħna hekk narawha ħajjet ħaddieħor, ħaddieħor hekk jaraha tagħna. Jumi ġie u mar, ġie bil-festa, mar bid-dnewwa. L-aktar li ddiżappuntaw ruħhom kienu x-xebbiet tar-raħal; f'qalbhom għeru għal Petriga li rnexxielha ġġennu għal warajha, li issa qiegħda toqgħod miegħu. Fid-deher u bi kliemhom tkażaw bihom u skandalizzaw ruħhom, iżda fil-qiegħ ta' qalbhom kienu jafu li kieku ġiet l-okkażjoni kienu jagħmlu l-istess, xejn anqas, forsi wkoll wisq iżjed. Ma nafx l-għaliex, imma lil Jumi wieħed kien lest li jaħfirlu u jagħdru. Forsi għax ir-raġel dellu anqas tqil minn tal-mara. Iżda Sidor u Benna ma kenux jgħidu hekk. Din kienet l-aħħar daqqa ta' stallet li iben ingrat seta' jagħti. Din kienet daqqa li se jibqgħu taħtha. L-ebda lsien tal-għasel ma kien se jasal biex isabbarhom! *(par. 1)*

1. X'ried jgħid biha l-kittieb is-sentenza b'sing taħtha?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

2. X'hemm fis-silta li juri kemm in-nies jafu jkunu faċċoli?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

3. Fis-silta naraw li Sidor u Benna ħassew li binhom kien ingrat u tahom daqqa ta' stallet ġo qalbhom. Għalfejn jaħsbu hekk?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Fil-bqija tas-silta li nsibu f'*Qawsalla* naraw kif kien jaħsibha Dun Iddew, il-Kappillan, fuq il-biċċa ta' Jumi. Għid ħsibijietu.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

5. Taqbel li *Ir-Ribelli*, li din is-silta ta' hawn fuq tagħmel sehem minnha, għandha toqgħod fit-Taqsima *Il-Protesta*? Għid għaliex.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

(iii) **QAWSALLA** – Komponiment Letterarju

Agħżel wieħed. Ikteb madwar 150 – 200 kelma fuq karta separata.

a. Huwa tajjeb li tipprotesta fil-ħajja, iktar u iktar jekk tara xi inġustizzji koroh iseħħu madwarek. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal mill-inqas żewġ xogħlijiet mit-taqsima *Il-Protesta*.

b. L-għaqda fil-familja tidher dejjem. Agħti l-fehma tiegħek billi tagħmel referenza għal mill-inqas żewġ xogħlijiet mit-taqsima *Ir-Rispett fil-Familja*.

(12-il marka)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed**, u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata.

1. Kaxxa sulfarini
2. It-tajjeb u l-ħażin ta' *facebook*
3. Wirdiena
4. Sena ngħix barra minn Malta
5. Mhux ħażin issa, grazzi!

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers